**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 21 t'April 2016**

**Pulizija**

**Spettur Priscilla Caruana**

**Vs**

**Ezekiel Xuereb**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Ezekiel Xuereb ta' 18-il sena, bin Michael u Lydia nee' Vella, imwieled Pieta fit-13 ta' Marzu 1996 u residenti gewwa numru 27, Fl3, Triq il-Bistra, Mosta, detentur tal-karta tal-identita' numru 126396M;

Talli fl-10 ta' Lulju, 2013 ghall-habta tal-16:45hrs gewwa Triq Fleur-De-Lys, Birkirkara:

1) Waqt li kien qed isuq jew kellu fil-kontroll tieghu cikletta bil-pedali li tahdem ukoll bl-ghajnuna ta' mutur (rota mekkanizzata), b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, ikkaguna feriti ta'

natura gravi per durata fuq Oscar Attard hekk kif gie iccertifikat minn Dr. Jeffrey Bonnici (3214) mill-isptar Mater Dei;

2) Ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq cikletta bil-pedali li tahdem ukoll bl-ghajnuna ta' mutur (rota mekkanizzata) meta ma kienitx registrata mal-Awtorita' ta' Transport Malta;

3) Ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq l-imsemmija cikletta b'manjiera traskurata, bla kont u perikoluza;

4) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ma tghax attenzjoni specjali ghal *pedestrians* li jkunu qed jaqsmu t-triq jew li jieqaf jekk ikun hemm bzonn.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

**Ikkunsidrat;**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu, fil-qosor, is-segwenti. L-imputat, li kien minorenni fiz-zmien meta sehh dan l-incident, kien qed isuq ir-rota tieghu fi Triq Fleur de Lys, B'Kara. Din ir-rota kellha magna zghira mwahhla maghha. Hekk kif hu gie fuq il-"pelican lights" minn fejn in-nies jaqsmu t-triq, hu dahal f' Oscar Attard, ragel ta' 72 sena, waqt li dan kien qed jaqsam it-triq, u kkagunalu griehi gravi fuq il-persuna tieghu.

Mill-provi prodotti rrisulta li Xuereb baqa' ghaddej minn fuq dan il-"pedestrian crossing" meta d-dawl kien ghadu ahmar ghall-vetturi fit-triq. Dan hu ampjament ippruvat kemm mix-xhieda okulari li taw il-verzjoni taghhom fl-inkjesta, kif ukoll f'dawk li xehdu viva voce quddiem din il-Qorti. Ma kienx jaghmel sens li d-dawl kien ahdar u li l-vetturi saqu, qif ipprova jghid l-imputat, meta kien ghad hemm in-nies jaqsmu. Dik it-triq hi wahda dritta u ttik vizwali tajba. L-imputat kien ghaddej bejn il-vetturi wieqfa u l-bankina, fuq in-naha tax-xellug tat-triq, jigifieri fuq gewwa nett tat-triq. Il-manuvra li ghamel l-imputat hija wahda traskurata w perikoluza ghall-ahhar, tant li safa' mwegga' Oscar Attard, li dak il-hin kien qed jaqsam it-triq. Bl-impatt, din ir-rota kellha r-rota ta' quddiem mghawwga, li jfisser li l-impatt ma' Attard kien wiehed konsiderevoli. Ghalhekk il-Qorti hi tal-fehma li l-imputat huwa unikament responsabbli ghal dan l-incident.

Fiz-zmien meta sehh dan l-incident, is-sewqan tar-roti li kellhom magna mizjuda fuqhom kien ghadu mhux regolat. Ghalhekk ma kienet tezisti ebda ligi dwar registrazzjoni o meno ta' dawn il-vetturi. Barra minn hekk, l-imputat kien ghadu minorenni dak iz-zmien, u ghalhekk, kwantu ghal finijiet ta' piena, hu jibbenefika minn riduzzjoni ai termini tal-Artikolu 37 tal-Kap 9.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 226(1)(a) tal-Kap 9;

L-Artikolu 15(1)(a) tal-Kap 65;

Ir-Regolamenti 4 u 12 tal-S.L.65.26, u l-S.L.65.05 Taqsima IV, B(f) tal-Ligijiet ta' Malta;

Issib lill-imputat hati, u tikkundannah ghal piena ta' xahar prigunerija sospizi ghal sentejn, taht supervizjoni, ai termini tal-Artikolu 28G tal-Kap 9.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**